# Tfajla Zeffiena

*Ta'* Ġużi Micallef Grimaud

Tfajla sabiħa,
mimlija bil-ħajja
daqs il-warda dagħmija
meħmuża ġo xagħarha sewdien,
b'daħka ferrieħa
fuq fommha lewn qrolla
w ħarsa tilma bħal dija
smewwija f'għajnejha sibbien,
ħaġet!
tiżżeffen bil-lajma...
bil-ħeffa...
bil-lajma...
iddur u tiltewa
w tinqaleb u togħla,
issa fuq sieq lewn il-qamħa, misluta,
issa fuq tnejn, ħfief u sbieħ,
u mad-daqq tal-kitarri u mandoli
tħabbat bis-sħiħ kastanjoli
u t-tkaken b'riġlejha
flimkien.
U ma' dwarha
bil-qiegħda b'riġlejhom imsallba
b'idejhom imdawra mal-qadd ta' xulxin,
jgħannu ż-żgħażagħ
b'mitt leħen m'hux xorta;
dak qawwi — dak artab,
dak jogħla — dak jinżel.
w jixxenglu lejn naħa,
u lejn oħra.
Imbagħad jieqaf id-daqq
u jaqa' s-skiet.
U tibda t-tfajla,
b'leħen ħaj u għasli,
imriegħed daqs daqq t'Arpa,
titlaq l-għanja ta' mħabbitha
u qajla qajla
tnaqqas, sa leħinha
jirqaq u jsir bħal karba
li togħla u tintilef fix-xejn.